# LIT-TABIB ĠUŻÈ GALEA, M.B.E., M.D., D.P.H.,

*Ta'* VINCENT UNGARO

*Fil-jum li lilu ngħatat il-Medalja tad-Deheb "Ġużè Muscat Azzopardi"*

Iħobb lil Malta daqs il-kobor tagħha,
Ma ċaħad qatt Lsien misserijietna;
Daħal ma' l-"Għaqda", baqa' jaħdem magħha
U għadu jsus sal-lum għal jeddijietna.
Mal-Gvern tabib ħabriek f'Qasam is-Saħħa.
Hu Rumanzier mill-kbar ta' żmenijietna:
Iħobb liż-żgħir u l-kbir; kelma jismagħha
Minn għand kulħadd. Magħruf ġo gżirijietna.
Illum il-frott fejjied tal-kitba tiegħu
Ituq bil-benna ta' Lsien Art Maltija
U jgħaxxaq lil kulħadd bil-ġmiel u l-ħlewwa.
Qiegħed narak illum titwaħħad miegħu —
(*) Ħabibek, Qormi wkoll — b'qalbek mimlija
Li bħalu rbaħt ukoll l-għadu ta' ġewwa.

14. xi. 49.